# Santa Tereża ta' Ġesù

## *Il-kontemplazzjoni f'«It-Triq tal-Perfezzjoni»*

minn P. Glen Attard, O.Carm.

Wara li l-qaddisa spiċċat tikteb Il-Ktieb tal-Ħajja bdiet taħdem fuq il-ktieb li jmiss, It-Triq tal-Perfezzjoni. Għal bidu tas-sena 1566, Tereża kienet tinsab fil-kunvent żgħir ta' San Ġużepp li kienet iffundat hi stess f'Avila xi snin qabel flimkien ma' tnax-il soru oħra. Is-sorijiet kienu semgħu li l-Prijura tagħhom kienet kitbet l-awtobijografija tagħha, iżda, kontra x-xewqa tal-qaddisa, il-konfessur Dumnikan Domingo Báñez deherlu li ma jkunx tajjeb li dan il-ktieb jiġi f'idejhom minħabba l-kwantità ta' ħwejjeġ personali li Tereża taqsam mal-qarrej. Għaldaqstant, is-sorijiet talbuha tiktbilhom ktieb ieħor, did-darba dwar it-talb. Aktar minn qatt qabel, fit-tieni ktieb tagħha, Tereża tidher bħala Prijura-għalliema li tieħu ħsieb u takkumpanja fil-ħajja spiritwali mhux biss ta' ħutha s-sorijiet, imma tal-qarrejja kollha tagħha matul iż-żminijiet.

It-Triq nistgħu naqsmuh f'erba' partijiet priniċipali:

1) Kap. 1-3: li fihom tispjega r-raġuni għaliex iffundat kunvent riformat, b'numru konsiderevolment iżgħar ta' sorijiet, u b'awsterità iktar stretta.

2) Kap. 4-18: li fihom tagħtina tliet kwalitajiet importanti li għandu jkollha l-ħajja tat-talb, jiġifieri, imħabba reċiproka, distakk mill-ħwejjeġ materjali, u umiltà.

3) Kap. 19-26: li fihom twieġeb għal diversi diffikultajiet u mistoqsijiet dwar it-talb, bħal pereżempju, jekk il-kontemplazzjoni tingħatax lil kulħadd jew le.

4) Kap. 27-42: li fihom tispjega frażi frażi t-talba tal-Missierna, tara fiha t-talba li "tiġbor fiha l-ħajja spiritwali kollha kemm hi, mill-bidu nett sal-aħħar tat-triq sakemm Alla jogħġbu jħaddan lir-ruħ kompletament fih u hi tixrob minnu l-ilma tal-ħajja ta' dejjem." (42:5)

Kwalità importanti fil-kitbiet kollha tal-qaddisa hija li filwaqt li titkellem dwar it-talb, hi stess titlob. L-għalliema spiritwali turina t-triq billi hi stess timxi magħna. Il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar, kif ngħidu. It-talb tal-qaddisa jiddistingwi ruħu għall-fatt li hu diskursiv. Kull meta Tereża tinterrompi l-kitba tagħha biex titkellem ma' Alla, bħal donnu ddaħħalna biex naraw djalogu intimu li jseħħ bejnha u bejn Alla. Dan il-fatt jikxfilna beraħ allura x'tip ta' relazzjoni kellha l-qaddisa ma' Alla. Fil-kapitlu 42, pereżempju, filwaqt li tispjega lis-sorijiet it-tifsira tal-kelma "Ammen" li hi tinterpreta fis-sens li l-Mulej jitlob minna li nkunu għal dejjem ħielsa minn kull deni, iddur fuq "is-Sinjur" u titolbu li jeħlisha mit-tiġrib. "L-iktar li nbati, Sinjur, huwa li ma nafx fiċ-ċert jekk inħobbokx, u lanqas jekk tilqax ix-xewqat tiegħi. O Sinjur tiegħi, Alla tiegħi, eħlisna minn kull deni, u wassalna hemm fejn jinsab kull ġid. X'ġid jistgħu jsibu hawn fl-art dawk li inti ddawwal bl-għerf tiegħek u li għandhom fidi ħajja f'dak li l-Missier ħejja għalihom fis-Sema?" (42:2). L-ewwel element tal-kontemplazzjoni mela, kif jidher f'*It-Triq*, huwa l-element relazzjonali. It-talb huwa djalogu intimu ma' Alla li fih jeħtieġ li nisimgħu b'attenzjoni imma wkoll nitkellmu mill-qalb.

Intant, il-qaddisa tibda tikteb billi tispjega r-raġuni għaliex iffundat il-kunvent riformat ta' San Ġużepp. Mhux biss tixtieq li s-sorijiet jinterċedu għall-Knisja u għal dawk li jiddefenduha permezz tat-talb tagħhom, imma, aktar minn hekk, tixtieq li jifhmu sew dan il-mudell ġdid ta' kontemplazzjoni. Għal Tereża, huwa assolutament importanti li s-sorijiet tagħha jkunu "ħbieb tajba" ta' Ġesù, u li jsegwu bir-reqqa u b'awsterità t-tagħlim tiegħu. L-ambjent fqir tal-monasteru

fiżiku kellu l-għan li jżomm lis-sorijiet iffukati fuq dak li tassew huwa l-aktar importanti, il-faqar tar-ruħ, jiġifieri, dipendenza totali fuq Alla. "Jidhirli li ma jagħmilx tajjeb li nibnu djar kbar bi flus il-foqra; jalla l-Mulej jeħlisna milli nagħmlu dan; ħa jkunu d-djar tagħna żgħar u foqra f'kull mod ħalli mela nixbhu lir-Re tagħna li ma kellux dar fuq rasu ħlief l-għar ta' Betlehem fejn twieled u s-Salib li fuqu miet." (2:9). It-tieni element tal-kontemplazzjoni f'It-Triq huwa l-impenn tagħna għal ħbiberija sinċiera ma' Ġesù li tinbena fuq il-faqar tal-ispirtu.

Fl-aħħar nett, għall-qaddisa, is-sejħa tal-Karmelu tinsab preċiżament għat-talb bla waqfien b'tali mod li t-talb mhux iktar ikun mumenti iżolati ta' talb matul il-ġurnata, imma l-ħajja kollha kemm hi.

X'inhu l-aktar mod konkret li Tereża tissuġġerixxi biex din it-trasformazzjoni fil-ħajja tat-talb isesħħ?

1) Kap. 4-7 – imħabba fraterna:

"Tistagħġeb kemm din l-imħabba spiritwali hija nieqsa minn kull passjoni, u kemm tiswa dmugħ u penitenzi u talb; xi ħsieb kbir tieħu biex titlob lil dawk kollha li taħseb li huma ħbieb ta' Alla ħalli jidħlu quddiemu għal min ikun maħbub minnha. Tassew li kull ħin tibqa' tixxennaq għal dan, hekk li qatt ma tista' tkun hekk hienja jekk ma tarax lil min ikun maħbub minna miexi 'l quddiem. [...] Din kif diġà għedt hija mħabba bla ebda nitfa ta' interess personali; dak kollu li r-ruħ tixtieq u tixxennaq għalih huwa li tara lir-ruħ li hija tħobb mogħnija bil-barkiet tas-sema. Din l-imħabba ma għandha x'taqsam xejn mal-ġibdiet u l-imħabbiet ta' din id-dinja – biex ma nsemmux l-imħabbiet mhux f'posthom, li minnhom Alla jogħġbu jeħlisna." (7:1-2).

2) Kap. 8-9 – distakk mill-ħwejjeġ materjali:

"Jekk ma jinteressawniex il-ħlejjaq maħluqa imma nħaddnu magħna lill-Ħallieq waħdu, il-Maestà tiegħu jsawwab fina l-virtù b'tali mod li, kemm-il darba aħna nagħmlu ħilitna kif nistgħu ta' kuljum, ma jkollniex għaliex nitqabdu iktar fit-tul għax il-Mulej jidħol għalina hu u jitqabad hu għalina kontra d-dimonji u d-dinja kollha." (8:1).

3) Kap. 10-18 – umiltà:

"Ladarba nkunu ċħadna d-dinja u lil dawk li jiġu minna meta ngħalaqna hawnhekk bil-mod li fissirt, jidhrilna li nkunu wettaqna dak kollu li kellna nagħmlu hekk li ma jkunx fadal iktar x'wieħed jagħmel. Imma nitlobkom ħuti biex ma tħossukomx daqshekk żguri li tieħdu xi nagħsa! Għax tkunu qiskom dak ir-raġel li jmur jimtedd b'moħħu mistrieħ wara li jkun sakkar il-bibien kollha minħabba l-biża' mill-ħallelin, meta dawn ikunu diġà f'daru. U intom tafu li ma hemmx agħar mill-ħalliel li jgħix fid-dar. Aħna dejjem nibqgħu l-istess sakemm ma neħdux ħsieb sewwa li niċħdu lilna nfusna u r-rieda tagħna. Din hija l-iktar biċċa xogħol siewja fuq kollox għax ikun hemm ħafna ħwejjeġ li jxekklulna l-ħelsien tal-ispirtu li ruħna tfittex biex togħla lejn il-Ħallieq tagħha meħlusa mit-toqol ta' din id-dinja." (10:1).

